IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 11.12.2018
COM(2018) 845 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL EWROPEW U LILL-KUNSILL

Is-Sbatax-il Rapport ta' Progress għal Unjoni ta' Sigurtà effettiva u ġenwina

I. DAĦLA

Dan huwa s-sbatax-il rapport dwar il-progress ulterjuri li sar biex tinbena Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina. Huwa jkopri l-iżviluppi taħt żewġ pilastri ewlenin: l-indirizzar tat-terroriżmu u tal-kriminalità organizzata u l-mezzi li jappoġġawhom, u t-tisħiħ tad-difiżi tagħna u l-bini ta' reżiljenza kontra dan it-theddid. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għamlu progress sinifikanti f'għadd ta' prijoritajiet leġiżlattivi matul dawn l-aħħar xhur. Madankollu, għal għadd kbir ta' fajls ta' prijorità importanti, ftehim politiku għadu pendenti u jenħtieġ li l-koleġiżlaturi jagħmlu aktar sforzi. Peress li l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew li jmiss se jsiru f'Mejju 2019, iż-żmien huwa essenzjali sabiex jinkisbu riżultati dwar proposti pendenti ta' prijorità li ressqet il-Kummissjoni biex tiġi finalizzata l-Unjoni tas-Sigurtà, kif appella l-President Jean-Claude Juncker fid-diskors tiegħu dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2018.

Fil-laqgħa tal-Kunsill Ewropew[1] tat-18 ta' Ottubru 2018, il-mexxejja tal-UE affermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom favur it-tisħiħ tas-sigurtà interna tal-Unjoni, filwaqt li rrikonoxxew li f'dawn l-aħħar snin sar progress tanġibbli fit-tisħiħ tas-sigurtà interna permezz ta' kooperazzjoni aħjar, miżuri konkreti fuq il-post, u l-adozzjoni ta' firxa ta' testi legali. Abbażi ta' dan, il-Kunsill Ewropew appella għal progress rigward il-proposti pendenti tal-Kummissjoni għall-prevenzjoni, ir-rispons, u l-iskoraġġiment ta' attakki ċibernetiċi, il-prevenzjoni tat-tixrid ta' kontenut terroristiku online, l-iżgurar ta' aċċess transfruntiera rapidu u effiċjenti għal evidenza elettronika, l-iffaċilitar tal-aċċess għal informazzjoni finanzjarja, u t-titjib tal-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni u l-bażijiet tad-*data*. Dan ir-rapport jippreżenta l-istat attwali tan-negozjati dwar dawn l-inizjattivi importanti, billi jappella lill-koleġiżlaturi biex jaħdmu favur l-adozzjoni rapida tagħhom (ara wkoll il-lista tal-inizjattivi kollha fl-Unjoni tas-Sigurtà fl-Anness I). Il-Kunsill Ewropew appella wkoll biex tiġi eżaminata l-inizjattiva tal-Kummissjoni li l-kompetenzi tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew jiġu estiżi għal reati terroristiċi transfruntiera, u għall-Kummissjoni huwa importanti li tesplora l-benefiċċji ta' dan l-approċċ. Barra minn hekk, il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern enfasizzaw kemm hu importanti li tingħata protezzjoni lis-sistemi demokratiċi tal-Unjoni u li tiġi miġġielda d-diżinformazzjoni fil-kuntest tal-elezzjonijiet Ewropej li jmiss. Il-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Ewropew fit-13 u l-14 ta' Diċembru 2018 se tindirizza wkoll it-tixrid ta' kampanji ta' diżinformazzjoni bħala sfida kbira għas-sistemi demokratiċi li teħtieġ azzjoni urġenti, partikolarment biex jiġu żgurati elezzjonijiet Ewropej u nazzjonali ħielsa u ġusti. Fid-dawl ta' dan, dan ir-rapport iqis il-progress li sar biex tiġi żgurata r-reżiljenza elettorali fl-Unjoni.

Fid-dikjarazzjoni Konġunta tagħhom dwar il-prijoritajiet leġiżlattivi tal-UE għall-2018-19[2], il-Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni identifikaw il-protezzjoni tas-sigurtà taċ-ċittadini tal-UE fost l-ogħla prijoritajiet. It-tliet istituzzjonijiet impenjaw ruħhom li jittrattaw proposti fl-Unjoni tas-Sigurtà bħala fajls ta' prijorità urġenti li jridu jiġu adottati qabel jispiċċa t-terminu leġiżlattiv attwali. Filwaqt li jitkompla l-progress li diġà sar matul l-aħħar sena, jenħtieġ li jitkompla x-xogħol u l-Kummissjoni tħeġġeġ lill-koleġiżlaturi biex iżidu l-isforzi tagħhom fin-negozjati.

Il-Kummissjoni tistenna bil-ħerqa l-adozzjoni mill-Parlament Ewropew tar-rapport dwar il-kostatazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Speċjali dwar it-Terroriżmu li hija ppjanata għat-12 ta' Diċembru 2018. Ir-rapport se jkun kontribut importanti għall-ħidma fil-

[1] http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-13-2018-INIT/mt/pdf

[2] https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/joint-declaration-eu-legislative-priorities-2018-19_en.pdf

ġlieda kontra t-terroriżmu u l-iżvilupp ulterjuri tal-Unjoni tas-Sigurtà.

II. TWETTIQ TAL-PRIJORITAJIET LEĠIŻLATTIVI

Il-koleġiżlaturi għamlu progress sinifikanti f'għadd ta' prijoritajiet leġiżlattivi matul dawn l-aħħar xhur, b'mod partikolari rigward is-sħubija rinfurzata tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, l-Att dwar iċ-Ċibersigurtà u l-mezzi ta' pagament mhux bi flus kontanti. Madankollu għadu pendenti ftehim politiku dwar għadd kbir ta' fajls ta' prijorità importanti, u hemm bżonn li jsiru aktar sforzi biex tiġi żgurata l-adozzjoni tagħhom qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew (ara wkoll il-lista tal-inizjattivi kollha fl-Unjoni tas-Sigurtà fl-Anness I).

1. Sistemi ta' informazzjoni aktar b'saħħithom u aktar intelliġenti għall-ġestjoni tas-sigurtà, tal-fruntieri u tal-migrazzjoni

Il-Kummissjoni tilqa' l-progress tajjeb li għamlu l-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-proposti leġiżlattivi biex tinkiseb **l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE** għall-ġestjoni tas-sigurtà, il-fruntieri u l-migrazzjoni[3]. Il-proposti jkunu jipprovdu lill-gwardji tal-fruntieri, lill-uffiċjali tal-immigrazzjoni u lill-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri b'informazzjoni preċiża u affidabbli, u bil-kapaċità li jidentifikaw identitajiet multipli u li jiġġieldu kontra l-frodi tal-identità. Dawn il-laqgħat tat-trilogu saru fl-24 ta' Ottubru 2018, fil-15 ta' Novembru 2018 u fis-27 ta' Novembru 2018. B'konformità mad-Dikjarazzjoni Konġunta, il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-koleġiżlaturi biex jilħqu ftehim politiku fil-laqgħa tat-trilogu li jmiss fit-13 ta' Diċembru 2018.

L-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tkun tinkludi s-**Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża**. Għaddejja ħidma fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill fuq il-proposta leġiżlattiva ta' Mejju 2018[4] biex ikunu jistgħu jsiru aktar verifiki tal-preċedenti personali bir-reqqa tal-applikanti għall-viża, jingħalqu l-lakuni li hemm fl-informazzjoni dwar is-sigurtà permezz ta' skambju aħjar ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u tiġi żgurata l-interoperabbiltà sħiħa ma' bażijiet tad-*data* oħra fl-UE kollha. Il-Kummissjoni tappella lill-koleġiżlaturi biex jadottaw il-mandati ta' negozjar tagħhom malajr kemm jista' jkun, sabiex jintlaħaq qbil dwar dan il-fajl matul il-mandat attwali tal-Parlament Ewropew.

Ladarba jkun hemm qbil dwarha, l-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni se tkun tippermetti wkoll li jiġu sfruttati għalkollox il-benefiċċji tas-**Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen imsaħħa** kif adottata mill-koleġiżlaturi fit-28 ta' Novembru 2018[5].

L-interoperabbiltà tkun tinkludi wkoll l-estensjoni proposta[6] tas-**Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar Rekords Kriminali** għal ċittadini ta' pajjiżi terzi. Il-proposta tipprevedi l-istabbiliment ta' bażi tad-*data* ċentralizzata li se tagħmilha possibbli li jiġi vverifikat malajr jekk Stat Membru jkollux informazzjoni dwar il-kundanni ta' ċittadin ta' pajjiż terz. Il-Kummissjoni qed tappella lill-koleġiżlaturi biex jiffinalizzaw in-negozjati fuq din l-inizjattiva leġiżlattiva prijoritarja fil-laqgħa tat-trilogu li jmiss fil-11 ta' Diċembru 2018.

---

[3] COM(2017) 793 final (12.12.2017), COM(2017) 794 final (12.12.2017), COM(2018) 478 final (13.6.2018), COM(2018) 480 final (13.6.2018).

[4] COM(2018) 302 final (16.5.2018).

[5] COM(2016) 881 final (21.12.2016), COM(2016) 882 final (21.12.2016), COM(2016) 883 final (21.12.2016).

[6] COM(2017) 344 final (29.6.2017).

L-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni tkun tinkludi wkoll l-Eurodac. Il-proposta tal-Kummissjoni biex issaħħaħ l-**Eurodac**[7] ikollha tespandi l-mandat tagħha billi tinkludi mhux biss l-identifikazzjoni ta' applikanti għall-ażil iżda wkoll dik ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti illegalment u dawk li jidħlu fl-UE b'mod irregolari. Il-Kummissjoni dan l-aħħar stipulat il-vantaġġi tal-adozzjoni ta' din il-proposta bħala waħda minn ħames proposti taħt is-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil li waslu qrib il-ftehim.[8]. Jenħtieġ li dawn il-proposti jiġu adottati qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

Sabiex jinkisbu sistemi ta' informazzjoni aktar b'saħħithom u aktar intelliġenti għall-ġestjoni tas-sigurtà, tal-fruntieri u tal-migrazzjoni, il-Kummissjoni tappella lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex:

Prijoritajiet tad-Dikjarazzjoni Konġunta:

- jilħqu ftehim dwar proposti leġiżlattivi rigward l-**interoperabbiltà** sal-aħħar ta' din is-sena;
- jilħqu ftehim dwar il-proposta leġiżlattiva biex is-**Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali** tiġi estiża għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sa Diċembru 2018;
- jadottaw il-proposta leġiżlattiva dwar il-**Eurodac** li dwarha dalwaqt jintlaħaq ftehim, qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

Oħrajn:

- jadottaw mingħajr dewmien il-mandati ta' negozjar rispettivi tagħhom dwar il-proposta leġiżlattiva biex tissaħħaħ is-**Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża**.

2. Tisħiħ tas-sigurtà permezz ta' ġestjoni mtejba fil-fruntieri esterni

Il-protezzjoni b'saħħitha u affidabbli tal-fruntieri esterni hija prekundizzjoni għas-sigurtà fl-ispazju ta' moviment liberu mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni. Dan huwa kompitu maqsum bejn l-Istati Membri, li għandhom jiżguraw il-ġestjoni tal-fruntieri esterni tagħhom kemm fl-interess tagħhom stess kif ukoll fl-interess komuni ta' kulħadd, bl-għajnuna tal-**Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta**. Bi tweġiba għall-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2018[9], f'Settembru 2018 il-Kummissjoni pproponiet[10] li tkompli tikkonsolida l-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta sabiex tgħammar lill-Aġenzija biex ikollha aktar kapaċità ta' appoġġ affidabbli u kontinwu. Il-proposta tal-Kummissjoni żżomm ir-responsabbiltà primarja għall-protezzjoni tal-fruntieri esterni fuq l-Istati Membri, iżda se tagħti lill-Aġenzija l-għodod biex jappoġġjaw dan b'korp permanenti ta' 10 000 gwardja tal-fruntiera Ewropej. L-istabbiliment gradwali iżda rapidu tal-korp se jagħti spinta immedjata lill-kapaċità kollettiva tal-UE biex tipproteġi l-fruntieri esterni u twettaq ritorni b'mod effikaċi mill-UE.

Fil-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni tas-6 ta' Diċembru 2018, intlaħaq approċċ ġenerali parzjali dwar ir-ritorn u l-aspetti relatati esterni tal-proposta tal-Kummissjoni. Madankollu,

7 COM(2016) 272 final (4.5.2016).

8 Il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni fl-Aspetti kollha tagħha: Progress skont l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni, COM (2018) 798 final (4.12.12).

9 http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-9-2018-INIT/mt/pdf

10 COM(2018) 631 final (12.9.2018).

hemm bżonn li l-ħidma tiġi intensifikata fuq l-aspetti kollha tal-proposta bil-għan li jinkiseb mandat mill-aktar fis possibbli f'Jannar biex jibdew it-trilogi mal-Parlament Ewropew. Fil-Parlament Ewropew, ir-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern mistenni li jiġi adottat f'Jannar 2019. Din il-proposta hija prijorità ċara għall-Kummissjoni Ewropea, u tappella lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jadottaw il-leġiżlazzjoni proposta matul il-mandat attwali tal-Parlament Ewropew.

Biex issaħħaħ is-sigurtà permezz ta'ġestjoni mtejba fil-fruntieri esterni, il-Kummissjoni tappella lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex:

Inizjattivi tal-Istat tal-Unjoni tal-2018:

- mingħajr dewmien jadottaw il-mandati ta' negozjar sħaħ tagħhom dwar il-proposta leġiżlattiva biex tissaħħaħ il-**Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta**, sabiex il-leġiżlazzjoni tiġi adottata matul il-mandat attwali tal-Parlament Ewropew.

3. Prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni

In-negozjati jinsabu għaddejjin b'ritmu tajjeb fil-Kunsill dwar il-proposta għal Regolament dwar il-**Kontenut Terroristiku Online** kif propost mill-Kummissjoni flimkien mal-Istat tal-Unjoni 2018[11]. L-għan tagħha huwa li tipprovdi qafas legali ċar u armonizzat għall-prevenzjoni tal-użu ħażin tal-forniturі ta' servizzi ta' hosting għad-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni sħiħa tad-drittijiet fundamentali. Ir-Regolament propost iwieġeb għal sejħiet urġenti kemm mill-Kunsill Ewropew[12] kif ukoll mill-Parlament Ewropew[13]. Il-Kummissjoni tilqa' l-adozzjoni ta' approċċ ġenerali fil-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni tas-6 ta' Diċembru 2018. Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Parlament Ewropew biex iħaffef il-ħidma tiegħu dwar din il-proposta, bil-ħsieb li tiġi adottata taħt il-leġiżlatura attwali.

B'mod parallel, il-Kummissjoni tibqa' totalment impenjata fl-appoġġ tagħha lill-Istati Membri u lill-forniturі ta' servizzi ta' hosting fl-isforzi tagħhom biex jindirizzaw il-kontenut terroristiku online. Il-**Forum tal-UE dwar l-Internet** se jkompli jippromwovi l-kooperazzjoni u l-azzjonijiet volontarji tal-Istati Membri u tal-forniturі ta' servizzi ta' hosting biex titnaqqas l-aċċessibilità għall-kontenut terroristiku online, u biex is-soċjetà ċivili tingħata s-setgħa li tkabbar il-volum ta' narrativi effettivi u alternattivi online. Ir-raba' Forum Ministerjali tal-UE dwar l-Internet sar fil-5 ta' Diċembru 2018. Huwa analizza l-progress li sar matul l-aħħar tnax-il xahar biex jitneħħa l-kontenut terroristiku mill-internet.

Il-Kummissjoni qed tkompli wkoll **tappoġġa l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni fl-Istati Membri**. Fil-laqgħa inawgurali tiegħu fi Vjenna fl-24 ta' Ottubru 2018, il-Bord ta' Tmexxija

[11] COM(2018) 640 final (12.9.2018).

[12] Il-Kunsill Ewropew ta' bejn it-22 u t-23 ta' Ġunju 2017 talab lill-industrija biex "tiżviluppa teknoloġija u għodod ġodda biex jittejbu d-detezzjoni awtomatika u t-tneħħija ta' kontenut li jinċita l-atti terroristiċi. Dan għandu jiġi kkomplementat bil-miżuri leġiżlattivi rilevanti fil-livell tal-UE, jekk meħtieġ". Il-Kunsill Ewropew tat-28 ta' Ġunju 2018 laqa' "l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta leġiżlattiva biex ittejjeb id-detezzjoni u t-tneħħija ta' kontenut li jinċita l-mibegħda u t-twettiq ta' atti terroristiċi".

[13] Il-Parlament Ewropew, fir-riżoluzzjoni tiegħu rigward il-pjattaformi online u s-suq uniku diġitali tal-15 ta' Ġunju 2017 ħeġġeġ lill-pjattaformi kkonċernati "biex isaħħu l-miżuri biex jiġi indirizzat il-kontenut illegali u ta' ħsara", u talab lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposti li jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet.

għal azzjonijiet tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni[14] qabel dwar l-orjentazzjonijiet strateġiċi annwali għal azzjonijiet u inizjattivi fil-livell tal-UE għall-2019. Il-prijoritajiet strateġiċi jibnu fuq l-għarfien mill-prattikanti (il-konklużjonijiet tal-Konferenza ta' Livell Għoli tan-Netwerk ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni u l-Plenarja tan-Netwerk ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni tal-11 u t-12 ta' Ottubru 2018), ir-riċerkaturi (il-Konferenza dwar ir-Riċerka tan-Netwerk ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni tas-17 ta' Ottubru 2018), netwerks u inizjattivi oħra tal-UE (bħalma huma b'mod partikolari tan-Netwerk Ewropew ta' Komunikazzjoni Strateġika) kif ukoll kontributi minn dawk li jfasslu l-politika.

Bħala parti mill-programm ta' ħidma tal-2018 tal-**Fond għas-Sigurtà Interna** għall-kooperazzjoni tal-pulizija u l-prevenzjoni tal-kriminalità, fit-28 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni varat sejħa għal proposti għal finanzjament immirat ta' EUR 5 miljun għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni li jindirizzaw oqsma ta' prijorità identifikati mill-Grupp ta' Livell Għoli ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni: l-involviment tal-komunità, id-dimensjoni lokali, approċċ li jinvolvi diversi aġenziji u ż-żgħażagħ[15]. Barra minn hekk, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jfittxu li jiġġieldu kontra n-narrattivi tat-terroristi billi jipprovdu alternattivi pożittivi se jiġu appoġġjati b'finanzjament mill-UE permezz tal-programm ta' Responsabbilizzazzjoni tas-Soċjetà Ċivili, li alloka EUR 12-il miljun f'taħriġ u finanzjament lis-sħab tas-soċjetà ċivili biex jorganizzaw kampanji online ta' narrativa kontra t-terroriżmu.

Biex tiġi evitata r-radikalizzazzjoni, il-Kummissjoni tappella lill-Parlament Ewropew biex:

Inizjattiva tal-Istat tal-Unjoni tal-2018:

- jadotta bħala prijorità l-mandat ta' negozjar tiegħu dwar il-proposta leġiżlattiva għall-prevenzjoni tat-tixrid ta' **kontenut terroristiku online**, sabiex jadotta l-leġiżlazzjoni matul il-mandat attwali tal-Parlament Ewropew.

4. L-indirizzar ta' diżinformazzjoni u l-garanzija tar-reżiljenza elettorali

Skont kif appella l-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2018, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, fil-5 ta' Diċembru 2018 ippreżentaw **Pjan ta' Azzjoni**[16] bi proposti speċifiċi ulterjuri għal rispons koordinat tal-UE għall-**isfida tad-diżinformazzjoni**, inklużi mandati xierqa u aktar riżorsi lit-timijiet tal-Kommunikazzjoni Strateġika rilevanti tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed tagħmel monitoraġġ mill-qrib tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet kontra d-diżinformazzjoni mħabbra fil-Komunikazzjoni tagħha ta' April 2018 dwar il-Ġlieda kontra d-diżinformazzjoni online.[17]. Fis-16 ta' Ottubru 2018, il-firmatarji inizjali aderixxew għall-**Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni** għal pjattaformi

[14] C(2018) 5345 (9.8.2018).

[15] https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/portal/screen/opportunities/topic-details/isfp-2018-ag-ct-rad;freeTextSearchKeyword=;typeCodes=1;statusCodes=31094501,31094502;programCode=ISFP;programDivisionCode=null;focusAreaCode=null;crossCuttingPriorityCode=null;callCode=Default;sortQuery=openingDate;orderBy=asc;onlyTenders=false

[16] JOIN (2018) 36 (5.12.2018).

[17] COM(2018) 236 final (26.4.2018).

online u s-settur tar-reklamar online. Dawn jinkludu t-tliet pjattaformi ewlenin (Facebook, Google/YouTube, Twitter) u l-fornitur tal-brawżer tal-internet Mozilla, flimkien ma' assoċjazzjonijiet kummerċjali li jirrappreżentaw pjattaformi online oħrajn u s-settur tar-riklami. Il-Kodiċi jinkludi 15-il impenn iċċentrat madwar ħames kapitoli: (1) l-iskrutinju tal-kollokamenti tar-reklamar; (2) ir-reklamar politiku u r-reklamar ibbażat fuq kwistjonijiet speċifiċi; (3) l-integrità tas-servizzi; (4) ir-responsabbilizzazzjoni tal-konsumaturi; u (5) ir-responsabbilizzazzjoni tal-komunità tar-riċerka. Il-Kummissjoni se tagħmel monitoraġġ mill-qrib u kontinwu tal-implimentazzjoni tal-Kodiċi fl-ewwel 12-il xahar, b'mod partikolari fid-dawl tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2019[18]. Jekk l-implimentazzjoni u l-impatt tal-Kodiċi ta' Prattika ma jkunux sodisfaċenti, il-Kummissjoni tista' tipproponi miżuri ulterjuri, inkluż ta' natura regolatorja.

Sabiex tgħin li tiġi żgurata **r-reżiljenza elettorali,** il-Kummissjoni ppreżentat għadd ta' inizjattivi biex tindirizza t-theddida ta' attakki kontra s-sistemi ta' informazzjoni tal-infrastruttura elettorali u tal-kampanji elettorali u r-riskju tal-użu ħażin ta' *data* personali sabiex deliberatament jiġi influwenzat l-eżitu tal-elezzjonijiet Ewropej. Fit-12 ta' Settembru 2018, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni dwar l-iżgurar ta' elezzjonijiet ħielsa u ġusti[19] u Rakkomandazzjoni dwar in-netwerks ta' kooperazzjoni elettorali, il-protezzjoni tat-trasparenza online kontra inċidenti taċ-ċibersigurtà u l-ġlieda kontra l-kampanji ta' diżinformazzjoni fil-kuntest tal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew. In-netwerk ta' kooperazzjoni għall-elezzjonijiet Ewropej se jipprovdi forum għall-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni, u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dawn il-miżuri huma ppjanati għal kmieni fl-2019.

Flimkien mal-Komunikazzjoni u r-Rakkomandazzjoni, il-Kummissjoni ppreżentat ukoll gwida dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*, bil-għan li tassisti lill-atturi rilevanti fl-applikazzjoni tal-obbligi tal-protezzjoni tad-*data* skont il-liġi tal-UE fil-kuntest elettorali[20], kif ukoll **proposta leġiżlattiva għal bidla mmirata tar-Regolament tal-2014 dwar il-finanzjament tal-partiti**[21]. Il-Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Affarijiet Kostituzzjonali vvota dwar ir-rapport tiegħu fis-6 ta' Diċembru 2018 u l-plenarja tal-Parlament Ewropew mistennija tadotta l-mandat ta' negozjar tagħha matul is-sessjoni ta' Diċembru 2018. Il-Kummissjoni ssejjaħ lill-Kunsill biex jadotta l-mandat ta' negozjar tiegħu f'Diċembru 2018 sabiex iż-żewġ koleġiżlaturi jkunu jistgħu jibdew bis-sessjonijiet tat-trilogu mingħajr dewmien, sabiex jiġi żgurat li l-bidliet immirati proposti jkunu fis-seħħ qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2019.

Fil-15 u s-16 ta' Ottubru, il-Kummissjoni organizzat **Konferenza ta' Livell Għoli dwar it-theddid ċibernetiku għall-elezzjonijiet**, bil-mira li talimenta b'informazzjoni l-ħidma tal-Kummissjoni Ewropea li tinsab għaddejja sabiex jitjiebu s-sigurtà u r-reżiljenza tal-proċessi elettorali kontra t-theddid ċibernetiku li qiegħed kontinwament jevolvi. L-avveniment laqqa' esperti ewlenin minn madwar id-dinja biex jiddiskutu kif l-aħjar jiġu segwiti l-inizjattivi eżistenti. Il-konferenza ġiet segwita minn Sessjoni ta' ħidma tal-Grupp ta' Livell Għoli tal-Istati Membri organizzata bil-għan li jitlaqqgħu flimkien kummissjonijiet elettorali nazzjonali u uffiċjali taċ-ċibersigurtà. Din kienet l-ewwel okkażjoni li fiha l-awtoritajiet elettorali u taċ-ċibersigurtà ltaqgħu biex jiddiskutu kif l-aħjar jiġi indirizzat it-theddid ċibernetiku għall-elezzjonijiet.

[18] COM(2018) 794 (5.12.2018).
[19] COM(2018) 637 final (12.9.2018).
[20] COM(2018) 638 final (12.9.2018).
[21] COM(2018) 636 final (12.9.2018).

Il-**Kollokju dwar id-Drittijiet Fundamentali** li sar fis-26 u s-27 ta' Novembru 2018 laqqa' flimkien fuq livell għoli nazzjonali u Ewropew lil dawk li jfasslu l-politika, lill-akkademiċi u r-rappreżentanti mis-soċjetà ċivili, il-midja, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u s-settur privat biex jiddibattu s-suġġett wiesa' tad-demokrazija fl-UE. Il-konklużjonijiet tal-Kollokju se jinformaw il-ħidma tan-netwerk ta' kooperazzjoni għall-elezzjonijiet Ewropej, li l-Kummissjoni se tlaqqa' għall-ewwel darba f'Jannar.

Biex tindirizza d-diżinformazzjoni u tiżgura r-reżiljenza elettorali, il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex:

Inizjattivi tal-Istat tal-Unjoni tal-2018:

- jiżguraw li l-**bidliet immirati proposti tar-Regolament dwar il-finanzjament tal-partiti** jkunu fis-seħħ fil-ħin għall-elezzjonijiet tal-2019 tal-Parlament Ewropew;

Ittra ta' Intenzjoni 2018:

- jimplimentaw malajr u b'mod deċiżiv l-azzjonijiet tal-**Pjan ta' Azzjoni Konġunt kontra d-Diżinformazzjoni**, kif ippreżentat mill-Kummissjoni Ewropea fil-5 ta' Diċembru 2018.

5. Tisħiħ taċ-ċibersigurtà

Bħala parti mill-azzjonijiet stipulati fil-Komunikazzjoni Konġunta ta' Settembru 2017[22] dwar "Reżiljenza, Deterrenza u Difiża: Il-bini ta' ċibersigurtà b'saħħitha għall-UE", il-koleġiżlaturi kellhom ħames laqgħat tat-trilogu bejn it-13 ta' Settembru 2018 u l-10 ta' Diċembru 2018 dwar l-**Att taċ-Ċibersigurtà**[23] propost u waslu għal qbil politiku. L-Att, li issa se jiġi adottat formalment u jidħol fis-seħħ malajr kemm jista' jkun, isaħħaħ il-mandat tal-Aġenzija tal-UE dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u tal-Informazzjoni. Huwa jistabbilixxi wkoll qafas tal-UE għaċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà għall-prodotti, sistemi u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

Il-Kummissjoni tilqa' l-progress li sar rigward il-proposta leġiżlattiva tagħha dwar **mezzi ta' ħlas mhux bi flus kontanti**[24]. Ir-regoli proposti se jaġġornaw il-qafas legali tal-UE kontra l-frodi u l-iffalsifikar ta' mezzi ta' pagament mhux bi flus kontanti, jindirizzaw l-isfidi u l-iżviluppi teknoloġiċi ġodda bħall-muniti virtwali u l-pagamenti bil-mobile, ineħħu l-ostakli għal kooperazzjoni operazzjonali u jtejbu l-miżuri ta' prevenzjoni u l-għajnuna għall-vittmi. Id-diskussjonijiet tat-trilogu bdew f'Settembru 2018 u l-aktar waħda riċenti saret fit-28 ta' Novembru 2018, biex b'hekk intlaħaq qbil proviżorju. Il-Kummissjoni tistieden lill-koleġiżlaturi biex jikkonkludu n-negozjati dwar dan il-fajl fil-laqgħa tat-trilogu li jmiss fit-12 ta' Diċembru 2018.

Filwaqt li tibni fuq l-inizjattivi ambizzjużi taċ-ċibersigurtà mħabbra fl-2017, il-proposta tal-Kummissjoni ta' Settembru 2018 għal Regolament li jistabbilixxi **Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà b'Netwerk ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni**, għandha l-għan li tappoġġa l-kapaċitajiet industrijali u teknoloġiċi għaċ-ċibersigurtà u hija l-ġebla tax-xewka għal Ewropa li tipproteġi. Dan imur id f'id mal-objettiv ewlieni li tiżdied il-kompetittività tal-industrija taċ-

[22] JOIN(2017) 450 final (13.9.2017).
[23] COM(2017) 477 final (13.9.2017).
[24] COM(2017) 489 final (13.9.2017).

ċibersigurtà tal-Unjoni u ċ-ċibersigurtà tinbidel f'vantaġġ kompetittiv għal industriji Ewropej oħra. Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jadottaw il-mandati ta' negozjar rispettivi tagħhom malajr bil-ħsieb li d-diskussjonijiet tat-trilogu jibdew mill-aktar fis possibbli, filwaqt li jitqiesu n-negozjati li jinsabu għaddejjin dwar il-programm Ewropa Diġitali.

Minħabba n-natura globali tat-theddid ċibernetiku, il-kooperazzjoni internazzjonali dwar iċ-ċibersigurtà hija essenzjali. Fit-23-24 ta' Ottubru 2018, rappreżentanti mid-Dipartiment tas-Sigurtà Interna tal-Istati Uniti u l-Kummissjoni Ewropea ltaqgħu għal **sessjoni ta' ħidma dwar l-approċċi ta' politika għaċ-ċibersigurtà** sabiex jesploraw perkorsi ta' aktar kollaborazzjoni. Il-parteċipanti identifikaw diversi opportunitajiet biex jiffaċilitaw impenn bilaterali u ħeġġew li jsiru aktar skambji fil-livell ta' ħidma dwar iċ-ċertifikazzjoni rispettiva ta' informazzjoni, il-ġestjoni tar-riskju fil-katina tal-provvista, il-ġestjoni tal-forza tax-xogħol u tal-ħiliet kif ukoll il-prijoritajiet tar-riċerka u l-iżvilupp fir-rigward taċ-ċibersigurtà.

Matul l-aħħar xhur, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, għamel ċiklu ieħor ta' **Djalogi Ċibernetiċi** mal-Istati Uniti (fl-10 ta' Settembru 2018), maċ-Ċina (fis-16 ta' Novembru 2018) u qed jippjana wieħed mal-Indja fit-12 ta' Diċembru 2018. Id-djalogi indirizzaw l-implimentazzjoni ta' normi ċibernetiċi, miżuri ta' bini tal-fiduċja fiċ-ċibersigurtà u l-applikazzjoni tal-liġi internazzjonali fiċ-ċiberspazju. Inkiseb ukoll progress sinifikanti f'dawn l-aħħar xhur fl-implimentazzjoni tal-Qafas għal Rispons Diplomatiku Konġunt tal-UE għal Attivitajiet Ċibernetiċi Malizzjużi (is-**"sett ta' għodod taċ-ċiberdiplomazija"**)[25], kif mitlub mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2018 u fil-konklużjonijiet tiegħu ta' Ottubru 2018 dwar it-twaqqif ta' miżuri restrittivi tal-UE dwar l-attakki ċibernetiċi.

Sabiex tissaħħaħ iċ-ċibersigurtà, il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex:

Inizjattivi tal-Istat tal-Unjoni tal-2018:

- jadottaw malajr kemm jista' jkun il-mandat ta' negozjar tagħhom dwar il-proposta leġiżlattiva rigward iċ-**Ċentru Ewropew ta' Kompetenza Industrijali, Teknoloġika u tar-Riċerka fil-qasam taċ-Ċibersigurtà** u n-**Netwerk ta' Ċentri Nazzjonali ta' Koordinazzjoni**, sabiex isir progress kemm jista' jkun matul il-mandat attwali tal-Parlament Ewropew.

Oħrajn:

- jiffinalizzaw ftehim f'Diċembru 2018 rigward il-proposta leġiżlattiva dwar **mezzi ta' ħlas mhux bi flus kontanti**.

6. Għeluq tal-ispazji li fihom joperaw it-terroristi

L-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-għoti ta' sentenza b'mod effettiv ta' reat jiddependu ħafna fuq evidenza elettronika. Id-disponibbiltà ta' tali provi hija ta' importanza partikolari fil-prosekuzzjoni ta' reati transfruntiera bħat-terroriżmu jew il-kriminalità ċibernetika. Il-Kummissjoni tilqa' l-adozzjoni mill-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni fis-7 ta' Diċembru 2018 ta' approċċ ġenerali dwar ir-Regolament propost tal-Kummissjoni ta'

[25] Dokument tal-Kunsill 9916/17.

April 2018 biex jittejjeb l-aċċess transfruntiera għall-**evidenza elettronika** fl-investigazzjonijiet kriminali[26]. Minħabba l-importanza tal-evidenza elettronika għall-investigazzjonijiet kriminali fi kważi t-tipi kollha ta' kriminalità u fid-dawl tad-Dikjarazzjoni Konġunta, il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Parlament Ewropew biex iħaffef il-ħidma tiegħu dwar din il-proposta bil-ħsieb li tiġi adottata taħt il-leġiżlatura attwali.

Għal dak li jirrigwarda **l-iżviluppi internazzjonali dwar l-evidenza elettronika**, il-Kummissjoni qed issegwi mill-qrib l-iżviluppi dwar in-negozjati li jinsabu għaddejjin fir-rigward tat-Tieni Protokoll Addizzjonali ta' mal-Konvenzjoni ta' Budapest dwar iċ-Ċiberkriminalità tal-Kunsill tal-Ewropa rigward l-aċċess għal evidenza elettronika. Barra minn hekk, ftehim mal-Istati Uniti għandu jipprovdi ċarezza legali għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi miż-żewġ naħat u jevita obbligi legali konfliġġenti għall-fornituri tas-servizzi. Fil-Laqgħa Ministerjali Ġustizzja u Affarijiet Interni UE-Stati Uniti li saret f'Washington fit-8-9 ta' Novembru 2018, ir-rappreżentanti kemm tal-UE kif ukoll tal-Istati Uniti enfasizzaw l-importanza, għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi kif ukoll dawk ġudizzjarji, li jkollhom aċċess transfruntiera rapidu għal evidenza elettronika. Hija l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi, flimkien u mill-aktar fis possibbli, l-adozzjoni ta' żewġ rakkomandazzjonijiet għal direttivi ta' negozjati dwar dawn iż-żewġ aspetti internazzjonali, filwaqt li jitqies il-progress li sar fid-diskussjonijiet dwar il-proposti fuq l-evidenza elettronika u l-ħtieġa għal ċarezza biżżejjed dwar il-parametri u s-salvagwardji tal-arranġamenti interni futuri tal-UE.

Minħabba l-importanza li jingħata aċċess lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi għal informazzjoni finanzjarja, f'April 2018 il-Kummissjoni adottat proposta leġiżlattiva biex **jiġi ffaċilitat l-użu ta' informazzjoni finanzjarja u informazzjoni oħra** għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali serji[27]. Din l-inizjattiva leġiżlattiva għandha l-għan li tagħti lill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi nominati u lill-Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi aċċess dirett għal informazzjoni dwar il-kontijiet bankarji miżmuma f'reġistri ċentralizzati tal-kontijiet bankarji nazzjonali, u li ssaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi. Fil-21 ta' Novembru 2018, il-Kunsill adotta approċċ ġenerali dwar il-fajl. Wara l-adozzjoni tar-rapport mill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern fit-3 ta' Diċembru 2018, il-Parlament Ewropew hu mistenni jaqbel dwar il-mandat ta' negozjar tiegħu waqt is-sessjoni plenarja ta' Diċembru 2018. Il-Kummissjoni tilqa' l-progress li sar u tħeġġeġ lill-koleġiżlaturi biex jagħmlu progress fin-negozjati interistituzzjonali mingħajr dewmien biex jintlaħaq ftehim qabel l-elezzjonijiet Ewropej.

F'April 2018, il-Kummissjoni ressqet proposta leġiżlattiva dwar **restrizzjonijiet dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prekursuri tal-isplussivi**[28] biex tillimita l-aċċess għal prekursuri tal-isplussivi perikoluži li jistgħu jintużaw ħażin biex minnhom isiru splussivi artiġjanali. Il-proposta għandha l-għan li tagħlaq il-lakuni fis-sigurtà b'għadd ta' miżuri bħall-projbizzjoni ta' sustanzi kimiċi addizzjonali, kontrolli obbligatorji tar-rekords kriminali ta' dawk li japplikaw għal liċenzja għax-xiri ta' sustanzi ristretti, u jiġi ċċarat li r-regoli applikabbli għall-operaturi ekonomiċi jkunu japplikaw ukoll għall-kumpaniji li joperaw online. Il-Kumitat tal-Parlament Ewropew għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern mistenni li jadotta r-rapport tiegħu fl-10 ta' Diċembru 2018. Minħabba l-progress miksub rigward dan il-fajl, il-

[26] COM(2018) 225 final (17.4.2018). In-negozjati dwar id-Direttiva li takkumpanja li tistabbilixxi regoli armonizzati dwar il-ħatra ta' rappreżentanti legali għall-finijiet tal-ġbir tal-evidenza fi proċedimenti kriminali (COM (2018) 226 final (17.4.2018)) se jkomplu.

[27] COM(2018) 213 final (17.4.2018).

[28] COM(2018) 209 final (17.4.2018).

Kummissjoni tappella lill-Kunsill biex jadotta l-mandat ta' negozjar tiegħu f'Diċembru 2018, u liż-żewġ koleġiżlaturi biex jilħqu ftehim matul il-mandat attwali tal-Parlament Ewropew.

Proposta leġiżlattiva oħra mressqa mill-Kummissjoni f'April 2018 kellha l-għan li ssaħħaħ is-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni u tad-dokumenti ta' residenza[29]. Il-proposta prinċipalment tintroduċi **karatteristiċi minimi ta' sigurtà għall-karti tal-identità**, li se jkollhom jinkludu identifikaturi bijometriċi (immaġni tal-wiċċ u żewġ marki tas-swaba') fuq ċippa mingħajr kuntatt. Il-proposta hija elenkata bħala proposta pendenti ta' prijorità fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2019. Fl-14 ta' Novembru 2018, il-Kunsill adotta mandat biex jiftaħ negozjati mal-Parlament dwar il-proposta. Fit-3 ta' Diċembru 2018, il-Parlament qabel li jidħol f'negozjati abbażi tar-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern. Id-diskussjonijiet tat-trilogu se jibdew dalwaqt u l-Kummissjoni hija impenjata biex tappoġġa lill-koleġiżlaturi favur l-adozzjoni tal-proposta qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew li jmiss li appik tintlaħaq.

Biex tagħlaq l-ispazju li fih joperaw it-terroristi, il-Kummissjoni ssejjaħ:

Prijoritajiet tad-Dikjarazzjoni Konġunta:

- lill-Parlament Ewropew biex jadotta b'mod urġenti l-mandat ta' negozjar tagħha rigward il-proposti leġiżlattivi dwar l-**evidenza elettronika** u jibda diskussjonijiet tat-trilogu mal-Kunsill mingħajr dewmien;
- lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jilħqu ftehim dwar il-proposta leġiżlattiva biex jiġi **ffaċilitat l-użu tad-*data* finanzjarja** qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

Oħrajn:

- lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jaddottaw il-mandat ta' negozjar tagħhom sal-aħħar tal-2018 dwar il-proposta leġiżlattiva biex *jissaħħu r-restrizzjonijiet dwar ir-reklamar u l-użu ta' prekursuri tal-isplussivi*;
- lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill biex jinstab qbil dwar il-proposta leġiżlattiva biex jitjiebu l-**karatteristiċi ta' sigurtà tal-karti tal-identità u d-dokumenti ta' residenza nazzjonali** biex tiġi adottata qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew.

III. IMPLIMENTAZZJONI TA' FAJLS PRIJORITARJI OĦRA DWAR IS-SIGURTÀ

1. Implimentazzjoni ta' miżuri leġiżlattivi fl-Unjoni tas-Sigurtà

Sabiex jinħassu l-benefiċċji ta' Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina, hija ta' prijorità assoluta l-implimentazzjoni sħiħa u korretta tal-miżuri miftiehma. Il-Kummissjoni qiegħda attivament tappoġġja lill-Istati Membri, anke permezz ta' finanzjament u bl-iffaċilitar tal-iskambju tal-aħjar prattiki. Fejn meħtieġ, il-Kummissjoni se tagħmel użu sħiħ mis-setgħat tagħha skont it-Trattati għall-eżekuzzjoni tal-liġi tal-UE, inkluż l-azzjoni għal ksur fejn xieraq.

[29] COM(2018) 212 final (17.4.2018).

Peress li l-iskadenza għall-implimentazzjoni tad-**Direttiva dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri tal-UE**[30] għalqet fil-25 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni nediet proċeduri ta' ksur fid-19 ta' Lulju 2018 kontra 14-il Stat Membru talli naqsu milli jikkomunikaw l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi b'mod sħiħ id-Direttiva[31] – għodda essenzjali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja. Minn dak iż-żmien, ħames Stati Membri nnotifikaw traspożizzjoni sħiħa[32]. B'mod parallel, il-Kummissjoni tkompli tappoġġja lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex ilestu l-iżvilupp tas-sistemi tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri tagħhom, inkluż billi jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki.

L-iskadenza għat-traspożizzjoni tad-**Direttiva dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu**[33] għalqet fit-8 ta' Settembru 2018. Għaldaqstant, fil-21 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni nediet proċeduri ta' ksur kontra 16-il Stat Membru talli naqsu milli jikkomunikaw l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi b'mod sħiħ id-Direttiva[34].

L-iskadenza għat-traspożizzjoni tad-**Direttiva dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi**[35] għalqet fl-14 ta' Settembru 2018. Il-Kummissjoni għalhekk nediet proċeduri ta' ksur fit-22 ta' Novembru 2018 kontra 25 Stat Membru talli naqsu milli jikkomunikaw l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi b'mod sħiħ id-Direttiva[36]. Wara t-tnedija ta' proċeduri ta' ksur, Stat Membru ieħor innotifika t-traspożizzjoni sħiħa tal-miżuri[37].

L-iskadenza għat-traspożizzjoni tad-**Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi tal-Protezzjoni tad-*Data***[38] fil-liġi nazzjonali għalqet fis-6 ta' Mejju 2018. Għaldaqstant, fid-19 ta' Lulju 2018, il-Kummissjoni nediet proċeduri ta' ksur kontra 19-il Stat Membru talli naqsu milli jikkomunikaw l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi b'mod sħiħ id-Direttiva[39].

Skont dak li ġie nnotifikat lill-Kummissjoni mill-Istati Membri, id-**Direttiva dwar is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni**[40] ġiet trasposta kollha f'21 Stat Membru u parzjalment trasposta fi 3 Stati Membri oħra[41]. Il-Kummissjoni wettqet verifiki *prima facie* għal 18 minn 21 Stat Membru, li kkonfermaw li t-traspożizzjoni tidher lesta. Fid-19 ta' Lulju

30 Id-Direttiva (UE) 2016/681 (27.4.2016).

31 Il-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Franza, Ċipru, il-Lussemburgu, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja u l-Finlandja. Il-Kummissjoni qed tirċievi tweġibiet mill-Istati Membri, inklużi notifiki tal-leġiżlazzjoni kkonċernata, li bħalissa qed jiġu analizzati (ara wkoll in-nota 47 f'qiegħ il-paġna).

32 Il-Bulgarija, Franza, il-Lussemburgu, l-Awstrija u l-Greċja (is-sitwazzjoni fis-6 ta' Diċembru 2018).

33 Id-Direttiva (UE) 2017/541 (15.3.2017).

34 Il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, il-Kroazja, Ċipru, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija u s-Slovenja.

35 Id-Direttiva (UE) 2017/853 (17.5.2017).

36 Il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit.

37 Franza (stat attwali mis-6 ta' Diċembru 2018).

38 Id-Direttiva (UE) 2016/680 (27.4.2016).

39 Il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja u l-Finlandja. Il-Kummissjoni qed tirċievi tweġibiet mill-Istati Membri, inklużi notifiki tal-leġiżlazzjoni kkonċernata, li bħalissa qed jiġu analizzati (ara wkoll in-nota 51 f'qiegħ il-paġna).

40 Id-Direttiva (UE) 2016/1148 (27.4.2016).

41 Il-Bulgarija, iċ-Ċekja, d-Danimarka, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Estonja, l-Irlanda, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit innotifikaw traspożizzjoni sħiħa. Il-Litwanja, l-Ungerija u l-Latvja nnotifikaw traspożizzjoni parzjali (is-sitwazzjoni attwali fis-6 ta' Diċembru 2018).

2018, il-Kummissjoni nediet proċeduri għal ksur minħabba nuqqas ta' notifika sħiħa kontra dawk is-17-il Stat Membru li ma kinux innotifikaw sad-data ta' skadenza jiġifieri d-9 ta' Mejju 2018[42].

Sad-9 ta' Novembru 2018, l-Istati Membri kellhom jissottomettu lill-Kummissjoni informazzjoni dwar l-hekk imsejħa operaturi ta' Servizzi Essenzjali identifikati fit-territorju tagħhom, bħala parti mit-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni. Dawn huma entitajiet pubbliċi u privati li, skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva, jenħtieġ li jiżguraw is-sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni tagħhom u jirrapportaw inċidenti serji. Sa issa, 19-il Stat Membru qasmu feedback mal-Kummissjoni u 16 issottomettew l-informazzjoni rilevanti lill-Kummissjoni[43]. Il-Kummissjoni issa se tivvaluta l-input riċevut bil-għan li jitfassal rapport dwar il-konsistenza tal-approċċ meħud mill-Istati Membri fil-proċess ta' identifikazzjoni.

Il-Kummissjoni qed tivvaluta wkoll it-traspożizzjoni tar-**Raba' Direttiva dwar il-Ġlieda kontra l-Ħasil tal-Flus**[44] u qed taħdem biex tiżgura li r-regoli jiġu implimentati fil-prattika. Il-Kummissjoni nediet proċeduri ta' ksur kontra 21 Stat Membru talli naqsu milli jikkomunikaw l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tittrasponi d-Direttiva[45]. Hija se tkompli tuża s-setgħat tagħha meta jkun xieraq sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa ta' din id-Direttiva. Fit-3 ta' Diċembru 2018 daħlu fis-seħħ fl-UE miżuri tal-liġi kriminali ġodda kontra l-ħasil tal-flus, li jikkumplimentaw din id-Direttiva. Id-Direttiva l-ġdida[46] se tarmonizza r-reati u s-sanzjonijiet għall-ħasil tal-flus billi tipprovdi għal pieni ugwalment ħarxa madwar l-UE, b'terminu minimu ta' priġunerija ta' erba' snin. L-Istati Membri għandhom 24 xahar biex jittrasponu din id-Direttiva u jinnotifikaw lill-Kummissjoni kif xieraq.

Il-Kummissjoni titlob lill-Istati Membri kollha biex jimplimentaw b'mod sħiħ u japplikaw il-miżuri u l-istrumenti kollha tal-UE maqbula fl-Unjoni tas-Sigurtà.

Minħabba li għalqet id-data ta' skadenza għat-traspożizzjoni, il-Kummissjoni nediet il-proċeduri ta' ksur u titlob lill-Istati Membri, b'mod urġenti, biex jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jittrasponu b'mod sħiħ id-Direttivi li ġejjin fil-liġi nazzjonali u jikkomunikaw dan lill-

[42] Il-Belġju, il-Bulgarija, id-Danimarka, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall u r-Rumanija. Il-Kummissjoni qed tirċievi tweġibiet mill-Istati Membri, inklużi notifiki tal-leġiżlazzjoni kkonċernata, li bħalissa qed jiġu analizzati (ara wkoll in-nota 48 f'qiegħ il-paġna).

[43] Ċipru, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, id-Danimarka, l-Estonja, Spanja, il-Finlandja, Franza, il-Kroazja, l-Ungerija, il-Litwanja, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, l-Iżvezja u r-Renju Unit (is-sitwazzjoni fis-6 ta' Diċembru 2018).

[44] Id-Direttiva (UE) 2015/849 (20.5.2015).

[45] Il-Belġju, il-Bulgarija, id-Danimarka, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja u l-Finlandja.

[46] Id-Direttiva (UE) 2018/1673 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus permezz tal-liġi kriminali.

Kummissjoni:

- id-**Direttiva dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri tal-UE**, fejn sitt Stati Membri għad iridu jinnotifikaw it-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u tliet Stati Membri jenħtieġ li jikkompletaw in-notifika tat-traspożizzjoni[47];
- id-**Direttiva dwar is-sigurtà tan-netwerks tas-sistemi tal-informazzjoni**, fejn erba' Stati Membri għad iridu jinnotifikaw it-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u tliet Stati Membri jridu jikkompletaw in-notifika tat-traspożizzjoni;[48]
- id-**Direttiva dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu**, fejn seba' Stati Membri għad iridu jinnotifikaw it-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u disa' Stati Membri jridu jikkompletaw in-notifika tat-traspożizzjoni[49];
- id-**Direttiva dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess tal-armi**, fejn 19-il Stat Membru għad iridu jinnotifikaw it-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u ħamsa jridu jikkompletaw in-notifika tat-traspożizzjoni[50];
- id-**Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi tal-Protezzjoni tad-*Data***, fejn 11-il Stat Membru għad iridu jinnotifikaw it-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u żewġ Stati Membri jeħtieġ li jikkompletaw in-notifika tat-traspożizzjoni[51]; u
- ir-**Raba Direttiva Kontra l-Ħasil tal-Flus**, fejn tliet Stati Membri jridu jkomplu n-notifika tat-traspożizzjoni[52].

2. Stat ta' tħejjija u protezzjoni

Sena wara l-adozzjoni tal-Pjan tal-Azzjoni tal-Kummissjoni tal-2017 dwar il-**protezzjoni ta' spazji pubbliċi**[53], sar progress sinifikanti fl-implimentazzjoni fl-oqsma kollha, b'fokus partikolari fuq l-għoti ta' gwida u l-finanzjament tal-UE bħala appoġġ għall-Istati Membri.

Saru sitt laqgħat mal-awtoritajiet pubbliċi u mal-operaturi privati biex jaqsmu prattiki tajba u jsir skambju ta' informazzjoni dwar kif l-operaturi u l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jsaħħu s-sigurtà ta' tipi differenti ta' spazji pubbliċi, inkluż lukandi, ċentri kummerċjali, postijiet għat-

47 Spanja, Ċipru, in-Netherlands, il-Portugall, ir-Rumanija u l-Finlandja għad iridu jikkomunikaw it-traspożizzjoni. Iċ-Ċekja, l-Estonja u s-Slovenja kkomunikaw traspożizzjoni parzjali u għad iridu jikkompletaw in-notifika tat-traspożizzjoni (stat attwali fis-6 ta' Diċembru 2018).

48 il-Belġju, il-Lussemburgu, l-Awstrija u r-Rumanija għad iridu jikkomunikaw il-miżuri ta' traspożizzjoni. Il-Litwanja, l-Ungerija u l-Latvja kkomunikaw traspożizzjoni parzjali u għad iridu jikkompletaw in-notifika tat-traspożizzjoni (stat attwali fis-6 ta' Diċembru 2018).

49 Il-Bulgarija, il-Greċja, Ċipru, il-Lussemburgu, Malta, il-Polonja u r-Rumanija għad iridu jikkomunikaw it-traspożizzjoni. Il-Belġju, iċ-Ċekja, l-Estonja, Spanja, il-Kroazja, il-Litwanja, l-Awstrija, il-Portugall u s-Slovenja kkomunikaw traspożizzjoni parzjali u għad iridu jikkompletaw in-notifika tat-traspożizzjoni (stat attwali fis-6 ta' Diċembru 2018).

50 Il-Belġju, il-Bulgarija, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Ċipru, il-Latvja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Iżvezja għad iridu jikkomunikaw it-traspożizzjoni. Iċ-Ċekja, il-Litwanja, Malta, il-Portugall u r-Renju Unit ikkomunikaw traspożizzjoni parzjali u għad iridu jikkompletaw in-notifika tat-traspożizzjoni (stat attwali fis-6 ta' Diċembru 2018).

51 l-Bulgarija, l-Estonja, il-Greċja, Spanja, Ċipru, il-Latvja, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovenja u l-Finlandja għad iridu jikkomunikaw it-traspożizzjoni. Iċ-Ċekja u l-Portugall ikkomunikaw traspożizzjoni parzjali u għad iridu jikkompletaw in-notifika tat-traspożizzjoni (stat attwali fis-6 ta' Diċembru 2018).

52 Il-Lussemburgu, l-Awstrija u r-Rumanija kkomunikaw it-traspożizzjoni parzjali u għad iridu jikkompletaw in-notifika ta' traspożizzjoni. It-18-il Stat Membru li jifdal nnotifikaw it-traspożizzjoni sħiħa u l-valutazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni għadha għaddejja (stat attwali fis-6 ta' Diċembru 2018).

53 COM(2017) 612 final (18.10.2017).

trasport, grawnds għall-isport u postijiet kulturali. Filwaqt li kemm l-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll l-operaturi qegħdin jieħdu inizjattivi biex isaħħu s-sigurtà fl-istabbilimenti tagħhom, il-laqgħat urew li għad hemm sfidi u lakuni pendenti. Filwaqt li xi setturi għandhom kultura ta' sigurtà żviluppata sew, oħrajn għadhom qed jistabbilixxu approċċi iktar sistematiċi biex jipproteġu l-istabbilimenti tagħhom. Il-Forum tal-Operaturi, grupp immexxi mill-Kummissjoni biex tħeġġeġ l-isħubijiet pubbliċi-privati dwar is-sigurtà, kellu laqgħa li tinvolvi s-setturi kollha fis-26 ta' Novembru 2018. Il-parteċipanti laqgħu l-gwida mogħtija mis-servizzi tal-Kummissjoni li tistabbilixxi prattiki tajba għal miżuri li l-operaturi u l-awtoritajiet pubbliċi jenħtieġ li jimplimentaw biex tissaħħaħ is-sigurtà ta' spazji pubbliċi.

Wara s-sessjoni ta' ħidma teknika tal-Kummissjoni mal-pjanifikaturi urbani u l-uffiċjali għas-sigurtà lokali mill-ibliet Ewropej li saret f'Ġunju 2018, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni ħejja żewġ rapporti bl-immappjar tal-materjal ta' gwida eżistenti għall-protezzjoni u s-sistemi ta' iżolament tal-ispazju pubbliku. Ġiet imfassla wkoll l-ewwel linja gwida Ewropea dwar l-għażla ta' soluzzjonijiet għal ostakoli xierqa li permezz tagħha l-pjanifikaturi urbani jistgħu jtejbu s-sigurtà urbana mingħajr ma joħolqu ċentri tal-bliet qishom fortizzi.

Il-**finanzjament mill-UE** wkoll jgħin f'din il-ħidma. Skont is-sejħa għal proposti mill-Fond għas-Sigurtà Interna - Pulizija 2017, ġew magħżula tmien proġetti li jiffukaw fuq il-protezzjoni ta' spazji pubbliċi, li jvarjaw minn kunċetti ta' sigurtà urbana, it-titjib tas-sigurtà permezz tad-disinn, il-protezzjoni kontra attakki b'vetturi misjuqa fuq in-nies, it-titjib tal-livell ta' protezzjoni fis-sigurtà ferrovjarja u l-iżvilupp ta' kunċetti ta' taħriġ kif ukoll kampanji biex titqajjem kuxjenza. Miżuri ulterjuri se jiġu ffinanzjati bis-sejħa għal proposti 2018 taħt il-Fond għas-Sigurtà Interna — Pulizija[54]. Hija miftuħa wkoll sejħa għal proposti taħt l-inizjattiva Azzjonijiet Innovattivi Urbani bħala parti mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali[55], li hija maħsuba biex tipprovdi lill-ibliet b'soluzzjonijiet innovattivi biex jindirizzaw l-isfidi tas-sigurtà urbana. Barra minn hekk, ġiet inkluża sejħa dedikata għar-riċerka fil-programm ta' ħidma tal-programm Soċjetajiet Siguri ta' Orizzont 2020, bl-għan li jiġu żviluppati soluzzjonijiet alternattivi għall-protezzjoni ta' spazji pubbliċi.

Kif mitlub mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħat tiegħu f'Marzu u Ottubru tal-2018, il-Kummissjoni intensifikat l-**azzjonijiet tagħha kontra t-theddid Kimiku, Bijoloġiku, Radjoloġiku u Nukleari** u l-kollaborazzjoni tagħha mal-Istati Membri b'mod partikolari t-theddid kimiku. Il-Kummissjoni u l-esperti tal-Istati Membri żviluppaw lista komuni ta' sustanzi kimiċi ta' tħassib u se taħdem issa ma' manifatturi dwar it-titjib tal-kapaċitajiet ta' sejbien. Il-Kummissjoni nediet ukoll djalogu mas-settur privat biex jiġu esplorati l-possibiltajiet ta' tnaqqis ta' aċċessibbiltà tat-terroristi għas-sustanzi kimiċi li jistgħu jintużaw bħala prekursuri għal attakki kimiċi. Il-Kummissjoni wettqet ukoll kampanja ta' taħriġ fiċ-Ċentru Ewropew għat-Taħriġ fis-Sigurtà Nukleari dedikat tagħha sabiex jitħarrġu l-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar fid-detezzjoni ta' materjali radjoattivi u nukleari. Aktar minn 100 uffiċjal tal-pulizija se jitħarrġu permezz ta' tagħmir sofistikat u materjal nukleari veru u proprju sabiex ikunu ppreparati aħjar għal attakk potenzjali b'bomba maħmuġa.

Bħala segwitu għall-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2018, il-Kunsill Affarijiet Barranin adotta fil-15 ta' Ottubru 2018 **reġim ġdid ta' miżuri restrittivi** biex jindirizza l-użu u l-proliferazzjoni ta' armi kimiċi. Se jippermetti lill-UE biex timponi sanzjonijiet li jikkonsistu minn projbizzjoni fuq vjaġġar lejn l-UE u ffriżar tal-assi għal persuni u entitajiet

[54] https://ec.europa.eu/home-affairs/financing/fundings/security-and-safeguarding-liberties/internal-security-fund-police/union-actions_en, sejħa miftuħa sas-16 ta' Jannar 2019.

[55] https://www.uia-initiative.eu/en/urban-security, sejħa miftuħa sal-31 ta' Jannar 2019.

involuti fl-iżvilupp u l-użu ta' armi kimiċi kullimkien, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom jew mill-post fejn jinsabu[56].

Mill-5 ta' Novembru sat-23 ta' Novembru 2018, l-UE u n-NATO wettqu l-**Eżerċizzju Ibridu UE-NATO** bħala eżerċizzju parallel u kkoordinat. L-għan huwa li titjieb u tissaħħaħ, f'ambjent fejn jista' jkun hemm falliment, l-abilità tal-UE li tirrispondi għal kriżijiet kumplessi ta' natura ibrida b'dimensjoni interna u esterna, kif ukoll li titjieb il-kooperazzjoni man-NATO. L-eżerċizzju kien jinvolvi istituzzjonijiet u korpi rilevanti tal-UE, bil-parteċipazzjoni ta' 25 Stat Membru, tan-Norveġja u tmien Aġenziji tal-UE. L-Iżvizzera qagħdet bħala osservatur.

Fir-rigward tat-**tħejjija u l-protezzjoni**, il-Kummissjoni:

- issejjaħ lill-Istati Membri biex jaħdmu lejn l-implimentazzjoni sħiħa tal-Pjan ta' Azzjoni għat-titjib tal-istat ta' tħejjija kontra riskji Kimiċi, Bijoloġiċi, Radjoloġiċi u Nukleari sal-aħħar tal-2019;
- issejjaħ lill-Istati Membri u lis-settur privat biex tiżdied il-kooperazzjoni biex titjieb il-protezzjoni tal-ispazji pubbliċi u biex jaħdmu lejn l-implimentazzjoni sħiħa tal-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Protezzjoni ta' Spazji Pubbliċi.

3. Riċerka dwar is-sigurtà

Ir-riċerka dwar is-sigurtà tal-UE hija wieħed mill-elementi ewlenin tal-Unjoni tas-Sigurtà li jippermetti l-innovazzjoni fit-teknoloġiji u għarfien kruċjali għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-sigurtà tal-lum, b'antiċipar għat-theddid ta' għada u biex tikkontribwixxi għal industrija tas-sigurtà Ewropea iktar kompetittiva. Dan huwa importanti b'mod speċjali meta wieħed iqis il-ħtieġa li jiġu kkunsidrati kwistjonijiet strateġiċi ta' sigurtà bħalma huma l-infrastruttura tal-katina tal-provvista diġitali u l-provenjenza tal-komponenti teknoloġiċi.

Meta mqabbel ma' oqsma oħra, il-finanzjament mill-UE huwa ta' importanza kruċjali għar-riċerka dwar is-sigurtà li tirrappreżenta madwar 50 % tal-finanzjament pubbliku kollu għar-riċerka dwar is-sigurtà fuq livell nazzjonali u Ewropew[57]. Sa mill-bidu tar-riċerka dwar is-sigurtà fuq livell Ewropew fl-2007, l-UE kkontribwiet aktar minn EUR 2 biljun f'finanzjament għal aktar minn 400 proġett, inkluż f'oqsma soġġetti għal żviluppi fil-politika tal-UE bħal skeners fl-ajruporti, forensika avvanzata, għodda kontra r-radikalizzazzjoni online, metodi għall-ġbir ta' evidenza elettronika f'każijiet kriminali u teknoloġiji għal tal-ewwel intervent. Xejriet teknoloġiċi ulterjuri bħall-Intelliġenza Artifiċjali, sistemi konjittivi u l-analitika tad-*data* huma rappreżentati tajjeb ukoll fil-proġetti li għaddejjin.

Proġetti riċenti wrew rabta diretta bejn ir-riċerka u l-implimentazzjoni u l-iżvilupp tal-politika: fis-sigurtà tal-fruntiera u l-ġestjoni tal-katina tal-provvista[58], fir-riskji Kimiċi,

[56] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1542 tal-15 ta' Ottubru 2018 li jikkonċerna miżuri restrittivi kontra l-proliferazzjoni u l-użu ta' armi kimiċi. https://eur-lex.europa.eu/legal-content/mt/TXT/PDF/?uri=CELEX:32018R1542

[57] Tmien Stati Membri biss iddikjaraw li għandhom fis-seħħ programm nazzjonali strutturat ta' riċerka dwar is-sigurtà.

[58] Il-proġett CORE kien l-ewwel li uża t-teknoloġija block chain fil-ġestjoni tal-katina tal-provvista. Diversi kumpaniji ewlenin tal-loġistika, pereżempju MAERSK-IBM, Seacon Logistics u Royal Flora Holland qegħdin ikomplu javvanzaw l-iżviluppi fil-CORE fil-bini tas-sistemi ta' loġistika tagħhom ibbażati fuq l-

Bijoloġiċi, Radjoloġiċi u Nukleari[59], fil-ġestjoni tal-evidenza elettronika[60], u fil-qasam tas-sorveljanza marittima[61].

Minħabba n-natura partikolari tas-settur tas-sigurtà (fejn is-suq huwa rrappreżentat prinċipalment minn awtoritajiet pubbliċi), l-użu xieraq tar-riżultati tar-riċerka jista' jiġi garantit biss jekk ir-riċerka tiġi rikonoxxuta bħala wieħed mill-elementi kostitwenti ta' proċess ta' żvilupp b'kapaċità usa' li laqqa' flimkien lil dawk li jfasslu l-politika, lill-professjonisti, lill-industrija u lill-akkademja. L-involviment mill-qrib tal-partijiet ikkonċernati fi stadju bikri huwa strumentali biex jiġu identifikati d-distakki fil-kapaċità, u biex jiġu definiti prijoritajiet tal-kapaċità li jistgħu, meta jkun meħtieġ, jiskattaw rekwiżiti tar-riċerka. Il-Kummissjoni qed taħdem f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha biex tippromwovi approċċ bħal dan.

Biex tqajjem kuxjenza dwar ir-riżultati, fil-5 u s-6 ta' Diċembru, l-**Avveniment ta' Riċerka dwar is-Sigurtà tal-2018** laqqa' flimkien fi Brussell madwar 900 parti kkonċernata minn madwar l-Ewropa biex jintwera l-impatt tar-riċerka dwar is-sigurtà ffinanzjata mill-UE. Fl-istess ġimgħa kien hemm ukoll laqgħa tal-"Komunità tal-Utenti dwar Soċjetajiet Siguri, Sikuri u Reżiljenti" ma' panels ta' diskussjoni dedikati fuq serje ta' suġġetti dwar ir-riċerka fuq is-sigurtà, kif ukoll laqgħa annwali tal-Forum Internazzjonali għall-Avvanz tal-Innovazzjoni tal-Ewwel Intervent.

Bħala parti mill-proposta tagħha għall-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fil-futur (Orizzont Ewropa, parti mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss li jibda mill-2021–2027), il-Kummissjoni għamlitha ċara li r-riċerka dwar is-sigurtà jenħtieġ li tkompli titqies bħala prijorità importanti. Il-Programm Orizzont Ewropa se jkollu l-għan li jikseb aktar komplementarjetajiet ma' programmi oħra ta' riċerka f'oqsma bħad-difiża, kif ukoll sinerġiji ma' programmi ta' finanzjament relatati bħall-Fond għas-Sigurtà Interna, il-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri inkluż l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi, u l-fondi tal-Ewropa Diġitali u Reġjonali. Il-programm se jkollu wkoll il-mira li jkompli jtejjeb ir-rwol tal-aġenziji tal-UE u tal-prattikanti fiċ-ċiklu ta' riċerka kollu.

Fis-7 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni u Pjan ta' Azzjoni Kkoordinat[62] dwar ħidma flimkien għall-**Intelliġenza Artifiċjali** li tkopri l-bżonn li jiġu

---

internet, Project ID 603993, FP7-SEC-2013-1, bidu 1.5.2014, dettalji disponibbli hawnhekk: https://cordis.europa.eu/project/rcn/188515_en.html

59 Il-proġett TOXITRIAGE pprovda sistema ta' detezzjoni faċli biex tintuża għat-theddid kimiku u bijoloġiku u mekkaniżmu effiċjenti ta' koordinazzjoni għall-klassifikazzjoni medika tal-vittmi li jinvolvu tipi differenti ta' dawk li jagħtu l-ewwel rispons, Project ID 653409, H2020-DRS-2014, bidu 1.9.2015, dettalji disponibbli hawnhekk: https://cordis.europa.eu/project/rcn/194860_en.html

60 Il-proġett EVIDENCE stabbilixxa pjan direzzjonali li jiddeskrivi l-istrateġiji, l-għanijiet u l-azzjonijiet meħtieġa biex jitwaqqaf Qafas Ewropew Komuni għall-ġestjoni korretta u armonizzata tal-evidenza elettronika. Dawn ir-riżultati ġew użati bħala input fil-valutazzjoni tal-impatt Inception għall-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni f'dan il-qasam, Project ID 608185, FP7-SEC-2013-1, bidu 1.3.2014, dettalji disponibbli hawnhekk: https://cordis.europa.eu/project/rcn/185514_en.html

61 Il-Proġett CLOSEYE kien l-ewwel eżempju ta' kif ir-riċerka ffinanzjata mill-UE tista' tnaqqas id-distakk bejn l-identifikazzjoni ta' distakk fil-kapaċità u l-iskjerament ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi biex jimtela dan il-vojt. Fuq riċerka preċedenti ffinanzjata mill-UE dwar is-sorveljanza fil-fruntieri marittimi, dan il-proġett wassal għal soluzzjonijiet biex jitjiebu d-detezzjoni, l-identifikazzjoni u t-traċċar ta' dgħajjes żgħar fuq il-baħar. Bħala riżultat, żewġ awtoritajiet tal-Istati Membri minn Spanja u l-Portugall nedew inizjattiva ta' akkwist ibbażata fuq l-eżitu CLOSEYE. Spanja użat l-istrument ISF Fruntieri u b'hekk sfruttat bis-sħiħ is-sinerġiji bejn dawn il-fondi differenti tal-UE. Project ID 313184, FP7-SEC-2012-1, bidu 1.4.2013, dettalji disponibbli hawnhekk: https://cordis.europa.eu/project/rcn/108227_en.html

62 COM(2018) 795 final (7.12.2018).

massimizzati l-benefiċċji tal-Intelliġenza Artifiċjali fis-settur tas-sigurtà inklużi l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u n-negozju. Bil-Pjan ta' Azzjoni Kkoordinat il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tbiddel il-prinċipji f'miżuri konkreti biex jiġu implimentati b'mod konġunt mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri. It-tliet aspetti kollha ta' sigurtà tal-Intelliġenza Artifiċjali[63] huma preżenti b'mod prominenti fl-azzjonijiet kollha mir-riċerka sat-tqegħid ta' dawn it-teknoloġiji fis-suq.

Il-Kummissjoni ħadet l-impenn li tinkludi d-diskussjoni madwar ir-riskji u l-opportunitajiet assoċjati mal-Intelliġenza Artifiċjali fi strateġija ta' żvilupp usa' għas-sigurtà, li tqis diversi xenarji, bżonnijiet, distakki u alternattivi li huma speċifiċi għal kull qasam tas-sigurtà. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha l-ħsieb li tiddiskuti mal-Kumitat tal-Programm dwar is-Soċjetajiet Siguri l-inklużjoni ta' miżura rilevanti diġà fil-Programm ta' Ħidma Orizzont għall-2020.

Fir-rigward tar-**Riċerka dwar is-Sigurtà**, il-Kummissjoni se:

- bejn Marzu 2019 u Awwissu 2019, tniedi s-sejħiet għal proposti Orizzont 2020 għal Soċjetajiet Siguri għall-2019.

4. Dimensjoni esterna

L-UE kellha skambju siewi mal-kontropartijiet tagħha fl-Istati Uniti fil-**Laqgħa Ministerjali UE-Stati Uniti dwar il-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni** fit-8 u d-9 ta' Novembru 2018 f'Washington, fejn reġgħu tennew l-impenn konġunt tagħhom li jindirizzaw sfidi komuni fl-oqsma tal-ġustizzja u l-affarijiet interni. B'mod partikolari, kien hemm enfasi komuni dwar l-importanza ta' skambju effettiv tal-informazzjoni fl-isforzi tagħhom biex jiġġieldu t-terroriżmu. L-UE u l-Istati Uniti enfasizzaw l-importanza tal-kondiviżjoni ta' informazzjoni tal-Ismijiet tal-Passiġġieri bħala għodda għall-prevenzjoni ta' vvjaġġar għal skopijiet ta' terroriżmu u qablu li jħejju evalwazzjoni konġunta fl-2019 b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim UE-US dwar ir-Reġistri tal-Ismijiet tal-Passiġġieri. Barra minn hekk, l-UE u l-Istati Uniti reġgħu tennew il-prijorità li jagħtu lill-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità u t-tisħiħ taċ-ċibersigurtà. Iż-żewġ naħat qablu li jesploraw il-possibbiltà ta' Ftehim UE-Stati Uniti dwar l-evidenza elettronika. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti rrikonoxxew ukoll il-bżonn li jtejbu l-isforzi tagħhom biex jindirizzaw l-isfida tal-użu tal-internet mit-terroristi biex jidderieġu u jispiraw attakki, filwaqt li jirrispettaw id-drittijiet individwali, inkluż il-libertà tal-kelma. Iż-żewġ naħat għarfu illi s-sistemi elettorali fi stati demokratiċi qegħdin jaffaċċjaw sfidi mingħajr preċedenti li jeħtieġu kooperazzjoni u skambji tal-aħjar prassi bejn pajjiżi li jaħsbuha bl-istess mod. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Unit ftehmu li jistabbilixxu djalogu regolari dwar dawn il-kwistjonijiet, li se jibda fil-laqgħa tal-Uffiċjali Għolja li jmiss fl-2019[64].

In-negozjati bejn l-UE u l-Kanada dwar il-**Ftehim rivedut dwar ir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri** għadhom għaddejjin. Il-Kummissjoni se tkompli tinforma b'mod regolari lill-

63 Iċ-Ċibersigurtà tat-teknoloġiji bbażati fuq l-Intelliġenza Artifiċjali, l-isfruttament tal-Intelliġenza Artifiċjali għal finijiet ta' sigurtà, inkluż il-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni ta' reati kriminali u t-terroriżmu kif ukoll il-prevenzjoni ta' użu malizzjuż u kriminali tal-Intelliġenza Artifiċjali.

64 https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2018/11/09/joint-eu-u-s-statement-following-the-eu-u-s-justice-and-home-affairs-ministerial-meeting/

Kunsill u lill-Kumitat tal-Parlament Ewropew għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern dwar il-progress li jkun sar.

Fit-30 ta' Novembru 2018, seħħ l-ewwel ċiklu ta' negozjati għal ftehim bejn l-UE u t-Turkija dwar l-iskambju ta' *data* personali bejn il-Europol u l-awtoritajiet Torok kompetenti għall-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu. Il-Kummissjoni qiegħda wkoll f'kuntatt mal-awtoritajiet Iżraeljani fid-dawl tal-ewwel ċiklu ta' negozjati mal-Iżrael. Fit-3 ta' Diċembru 2018, saret laqgħa bejn ir-rappreżentanti tal-UE u rappreżentanti mill-Alġerija, l-Eġittu, il-Libanu, il-Marokk u t-Tuneżija biex jiddiskutu kooperazzjoni futura possibbli bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi f'dawk il-pajjiżi u l-Europol, inkluż permezz ta' arranġamenti ta' ħidma u bil-ħsieb ta' ftehimiet futuri li jippermettu l-iskambju ta' *data* personali.

L-UE kompliet iżżomm **djalogi dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu** ma' pajjiżi msieħba. Fit-12 ta' Novembru 2018, id-Djalogu Kontra t-Terroriżmu bejn l-UE u l-Indja fi Brussell indirizza l-iskambju ta' informazzjoni, l-użu tal-internet mit-terroristi u kooperazzjoni potenzjali mal-Europol. Fid-29 ta' Novembru 2018, id-Djalogu Kontra t-Terroriżmu bejn l-UE u l-Pakistan fi Brussell indirizza l-isforzi biex jiġi miġġieled it-terroriżmu fil-kuntest tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja. Id-Djalogu UE-Alġerija dwar il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu u s-Sigurtà Reġjonali fit-12 ta' Novembru 2018 f'Algiers immexxi mir-Rappreżentant Għoli/Viċi President Mogherini indirizza l-isforzi biex jerġa' jkun hemm is-sigurtà fil-Libja u s-Saħel. Fis-27 ta' Novembru 2018 saret l-ewwel laqgħa tal-Uffiċjali Għolja UE-Kuwajt fi Brussell biex jiġu diskussi l-opportunitajiet għal skambji ulterjuri u kooperazzjoni futura potenzjali dwar kwistjonijiet marbuta mal-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u ċ-ċibersigurtà.

F'Novembru 2018, għall-ewwel darba, l-atturi militari u tal-infurzar tal-liġi tal-Iraq attendew taħriġ fil-ġbir ta' evidenza mill-kamp ta' battalja fiċ-Ċentru ta' Eċċellenza tan-NATO għall-Stability Policing, f'Viċenza, l-Italja f'ċentru ta' taħriġ tal-Carabinieri Taljani. Dan it-taħriġ huwa parti minn proġett ta' tliet snin bejn l-UE-INTERPOL-NATO, li għandu l-għan li jiżgura li individwi marbuta ma' reati serji u t-terroriżmu f'żoni ta' kunflitt jitressqu quddiem il-ġustizzja. Dan il-proġett huwa miżura konkreta tal-UE marbuta mal-bini tal-kapaċità fuq kollezzjonijiet legali ta' evidenza ta' reati mwettqa minn militanti tad-Da'esh, li eventwalment jistgħu jwasslu biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali bejn aġenziji tal-infurzar tal-UE u dawk Iraqini.

IV. KONKLUŻJONI

Ir-rapport juri l-progress tajjeb li sar fil-ħidma lejn il-bini ta' Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina. Madankollu, fl-istess ħin jenfasizza li għad hemm bżonn aktar sforz mill-koleġiżlaturi u l-Istati Membri biex jikkonkludu proċessi leġiżlattivi u l-implimentazzjoni ta' miżuri adottati sabiex iċ-ċittadini tal-UE jkollhom sigurtà interna msaħħa. Sakemm jaslu l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew f'Mejju 2019, il-ġimgħat li ġejjin se jkunu deċiżivi biex isir aktar progress fl-iżvilupp u d-dħul fis-seħħ tal-politiki ta' sigurtà xierqa fil-livell tal-UE.